tantx kont niltaqa’ ma’ Ġuża, ħlief meta kont nitla’ għand tal-familja, imma moħħi dejjem baqa’ hemm. Imbagħad erġajt bdejt nitla’ mal-Monsinjur.”

## Sr. Roża fis-snin ħamsin

Ġuża u Roża l-aktar li saru ħbieb meta ta’ l-ewwel marret toqgħod f’16, Triq San Ġakbu. Kulħadd jgħid li kienu qishom żewġt aħwa, jixtiebħu fit-tul u l-istatura u saħansitra kienu wkoll jilbsu bħal xulxin. Roża kienet tgħin lil Ġuża fil-konsagrazzjonijiet, kienu jmorru għal festa ta’ Kristu Re u laqgħat oħra flimkien. Iżda żgur li Roża kienet ta’ għajnuna kbira meta fis-snin ħamsin kienet tikteb il-messaġġi tal-Madonna kif iddettati minn Ġuża.

Sr. Roża kienet qaltli: “Konna noqogħdu fl-intrata, kien hemm mejda baxxa flok is-sottospekkjo. Kont immur wara l-ikel ta’ nofsinhar u kont indum sa xi s-2.30p.m. biex imbaghad kont immur lura d-dar ħalli nkompli x-xogħol tiegħi. Meta kienet tiddettali ma kinitx tagħmel dan minn moħħha, imma minn fuq il-karti li kienet tkun kitbet hi qabel. Kont immur għandha meta kienet issejjahli hi... Konna niktbu bil-pinna, kelli l-flixkun tal-linka u kont imbill il-pinna fih.

Ommi kienet taħseb li jiena kont immur għand Ġuża biex noqgħodu nitkellmu, qatt ma għidtilha li konna noqgħodu niktbu dawn l-affarijiet. Kont inżomm kollox sigriet.

Ġuża kienet tgħidli biss dak li mbagħad kont nikteb u kienet tgħidli dan għax ma setgħetx tagħmel mod ieħor minħabba li ma kinitx taf tikteb. Il bqija hi kienet umli ħafna u ma kinitx toqgħod tiftaħar li qed tidrilha l-Madonna. U jiena peress li kont naf minn xiex kienet tbati, kont noqgħod attenta ħafna biex inħalliha fil-liberta. Kont biss nikteb dak li tgħidli u nistagħġeb fija nnifsi, imma lilha ma ngħidilha xejn.”

## Tiltaqa’ ma’ Mons. Salvatore Grima

Sr. Roża Balzan kienet strumentali ħafna fit-tlaqqigħ ta’ Ġuża ma’ Mons. Salvatore Grima. Sr. Roża kemm-il darba tirrakkonta li meta kienet għall-laqgħa ta’ l-Azzjoni Kattolika, Dun Ġużepp Aquilina (ta’ Randa) kien qalilhom li s-Siġġiewi ġejja l-Missjoni kbira u ħeġġiġhom imorru għax il-Bambin żgur li ser jagħtihom xi grazzja kbira. Sr. Roża tgħid, “U jiena ma nafx x’fettilli bilfors ridt naqla’ din il-grazzja.. u kont immur inqerr kuljum għax din il-grazzja ridt naqlagħha mill-konfessjonarju...



U jiena kont immur inqerr u bqajt ma qlajtix il-grazzja, nerġa immur għand l-ieħor u din il-grazzja għadni ma qlajtix. Imbagħad fl-aħħar tal-ġurnata, fl-aħħar siegħa... rajt wieħed għidt, ‘ħa mmur għandu,’... u mort għandu u sibt lil Monsinjur.

Jiena ma kontx nafu, qatt ma rajt konfessur bħalu, għax tant ħassejt grazzja kbira, ħassejt qegħda għand qaddis. Kien bil-kuruna f’idu... u beda jgħidli affarijiet li qisu diġa jafhom fuqi. Imbagħad insomma qalli, “issa jekk trid tiġi jiena nkun fil-knisja tal-Ġiżwiti.” Jiena meta ltqajt ma’ Ġuza għidtilha, ‘aqta’ x’konfessur sibt’. U b’hekk ġiet tqerr għandu għax aħna konna nafdaw ħafna spiritwalment f’dawn l-affarijiet.

Konna morna l-Belt. Imbagħad darba minnhom ma sibniħx... Konna morna l-Knisja tal-Ġiżwiti, u qalulna, ‘diġa mar,’ għax hu dak iż-żmien kien jgħallem l-Universita’. U tant kemm kellna dik il-ġibda li mmorru għandu, ma stħajna xejn u minn ġor-raba morna l-Universita, mbasta nkellmuh jew jagħmlilna appuntament. U konna sibnih... Konna mmorru nqerru flimkien...”

## Meta nfetaħ il-messaġġ fl-1983

Sr. Roża tirrakkonta li fl-1983, meta hija kienet diġa sister id-Dar tal-Kleru, “ċempel telefon, kont fuq jiena, u qbadt it-telefon. Kien ċempel Dun Ġużepp Aquilina, mhux ta’ Randa, tal-Lixxu, Aquilina wkoll kien dak. Qalli, ‘isma hawn Ġuza,’ - ma nafx x’qalli bil-qattusa għax dak dejjem kien ċajtir, qalli ‘waqqgħalha denba,’ jew ma nafx x’qalli... Qalli, ‘ara hawn Ġuza trid tkellmek.’ Qabdet Ġuza mat-telefon u qaltli, tibki, qaltli, ‘il-Madonna tridna naħdmulha.’

F’Mejju ta’ l-1983, Mons. Grima bat risposta lil Ġuża ma Sr. Roża Balzan li kien sejjer id-dar tagħha biex ikellimha. Ġuża qaltilha, ‘Mela d-dar tiegħi tal-Monsinjuri?’ ... Il-Monsinjur mar u qalilha, ‘Kemm qed inħossni kuntent. Ġuża, għandna bżonn nagħmlu xi ħaġa... Għandna bżonnha l-Madonna.’ Ġuża weġbitu, ‘Monsinjur kemm ġej inkwiet għalija!’ Monsinjur Grima weġibha, ‘Ġej veru, imma għandna bżonn niftħulha ‘l-Madonna.’ Għal dan il-kliem Ġuża wieġbet, ‘Akkost ta’ kollox niftħulha.’” Iżda dakinhar il-messaġġ ma nfetaħx għax Ġuża kienet ma tiflaħx.

Xi żmien wara, eżattament fl-1 ta’ Novembru 1983, Ġuża kienet qegħda fl-intrata titlob għas-suffraġju ta ommha li dakinhar għalqet dsatax-il sena mejta, meta semgħet lil ommha tgħidilha, “Ġuża, illum oħroġ minn hawn għax ma tqarbintx filgħodu... Oħroġ u mur fejn id-



Direttur Spiritwali tiegħek.” Ġuża kriet karozza u flimkien ma’ Doris Fenech marret id-Dar tal-Kleru.

Meta waslet id-Dar tal-Kleru, Doris marret flimkien ma’ Sr. Roża fil-kappella filwaqt li Ġuża baqgħet mal-Monsinjur. Dan qaltilha, “Ġuża oqgħod bil-qegħda... ħalli mmur inġiblek lil Ġesu ta’ l-Ewkaristija u l-messaġġ illum ħa nifthuħ.” ... meta konna jiena u l-Monsinjur, il-Monsinjur qalli, “Wasal il-ħin.” Għidtlu, “Issa?” Kienet dieħla x-xitwa, jiena mix-xitwa nibża ftit minħabba l-kesħa...”

Fil-laqgħa ta’ talb li saret il-Girgenti fit-18 ta’ Ottubru 1992 Sr. Roża kkonfermat dan meta qalet, “Dan kienet ġiet Ġuża għand il-Monsinjur id-Dar tal-Kleru flimkien ma’ din Doris. U Ġuża kienet inkwetata kif se tagħmel għax xtaqet li tiftaħ għax ma setgħetx toqgħod iżjed, biex tiftaħ il-messaġġ tal-Madonna. U nsomma, mbagħad qagħdet bilqegħda bħalma qalet hi, u qagħdet titkellem mal-Monsinjur, u jiena tkellimt ma Doris (fil-kappella). Doris kienet tmur għandha, imma ma kinitx taf bl-affarijiet ta’ Ġuża. Imbagħad jien għidtilha, “Isma Delor, dik tkellimha l-Madonna ta.” Qaltli, “Ijwa,” qaltli, “jien qisni bdejt nitħasseb xi ftit.” Għidtilha, “U issa għamlilha l-kuraġġ lil Ġuża biex tiftaħ għax dik inkwetata ħafna miskina, għax ilha ħafna tgħid li l-Madonna tkellimha u issa ma tistax toqgħod iżjed.”

## Sr. Roża fis-snin tmenin u disgħin

Mons. Grima kull meta kien imur għand Ġuza kien iħallielha l-Ewkaristija d-dar sabiex hi kienet tkun tista’ titqarben kuljum. Sr. Roża ġieli qaltli li tgħidx kemm kienet tkun kuntenta takkumpanjah fil-karozza huma u sejrin għand Ġuża għax kienu qishom ikunu f’pelegrinaġġ, b’Ġesu magħhom.

Anka wara l-mewt ta’ Mons. Grima, Sr. Roza damet snin twal tattendi l-laqgħat fil-Girgenti kif ukoll il-laqgħat tal-Kumitat li kienu jsiru għand Ġuża.

Wara l-mewt ta’ Ġuża, xorta bqajt f’kuntatt ma’ Sr. Roża, daqqa kienet iċċempel hi u daqqa nċemplilha jien. Dejjem kellha lesta għalija kelma ta’ kuraġġ u dejjem tweghedni t-talb tagħha, apparti li kienet tinsisti miegħi biex inselli għal tal-familja u għall-membri tal-Kumitat.

## Il-mewt ta’ Sr. Roża

Kien proprju fit-18 ta’ Awwissu 2011 meta ċemplitli n-neputija tagħha,



is-Sinjura Mary Rose Mallia, sabiex tgħidli li z-zija tagħha kienet mietet. Minn banda nħsadt għax għalija Sr. Roża kienet ta’ wens kbir, imma mill-banda l-oħra bħala nisranija fraħt li kienet qegħda tgawdi l-Mulej li tant kienet tħobb.

Il-funeral sar l-għada fid-Dar tal-Kleru u tgħidx kemm emozzjonajt ruħi meta rrejalizzajt li riedet tibqa’ turini kemm kienet tħobbni anka wara mewtha: spiċċajt eżatt wara t-tebut tagħha kif niżluha minn kamritha sal-kappella u anka kelli x-xorti li naqra t-talbiet tal-fidili. Grazzi Sr. Roża.

Nagħlaq b’silta minn artiklu li deher fuq il-ġurnal “Lehen is-Sewwa” ta’ l-10 ta’ Settembru 2011, miktub minn Mons. Philip Calleja li kiteb hekk: “Sr. Roża Balzan, ġiet magħżula minn Mons. Grima bħala l-ewwel Superjura tal-Qaddejja taċ-ċenaklu. Hi damet tokkupa dan l-uffiċċju sas-sena 1982.

Dan kien l-ewwel funeral li sar fil-kappella tad-Dar tal-Kleru... Kien funeral sempliċi, kif xtaqet hi u kif kien jixirqilha. Funeral mill-isbaħ... Sr Roża kienet mara ta’ ġabra li taf tara bl-għajnejn ta’ Alla. Għexet il-vokazzjoni tagħha: titlob u tgħin is-saċerdoti jgħixu ta’ saċerdoti sal-aħħar. Grazzi.”

***Sylvana Spiteri LL.D***

### BIJOGRAFIJA TA’ ĠUŻA MIFSUD

F’dawn l-aħħar ġimgħat ġejt ikkuntattjatha mill-kumpanija Where’s Everybody sabiex titħejja l-bijografija ta’ Ġuża Mifsud.

Ġew intervistati diversi persuni, saċerdoti u lajċi li jew kienu jafu lil Ġuża personalment jew inkella qalgħu xi grazzja bl-interċessjoni tal-Madonna u ta’ Ġuża.

Programm li jirrikjedi ħafna xogħol u li l-ħidma fuqu għadha għaddejja iżda fil-fehema tiegħi għandu jkun programm tajjeb.

Dan il-programm għandu jidher fuq Television Malta fix-xhur li ġejjin, id-data għadni ma nafhiex pero żgur li jidhru diversi avvizi kemm fuq it-television, kif ukoll il-Girgenti u fuq il-pagna Madonna tal Konsagrazzjoni fuq Facebook .

Inħeġġiġkom sabiex tarawh personalment, tħeġġu lil ħaddieħor li jaraħ u nitolbu li jħalli ħafna ġid mhux biss f’qalb min jarah iżda wkoll sabiex Ġuża Mifsud u l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jkollhom l-għarfien li jixirqilhom.

## IL-MADONNA TAL KONSAGRAZZJONI FUQ FACEBOOK

Kont naħseb li l-Facebook m'għandix x'irridu, kont ngħid li dak huwa mezz ta' komunikazzjoni għall-ġenerazzjonijiet iżgħar, iżda kont imqarrqa.

Għalkemm jiena qatt ma fittixtu iżda kelli naqa għalih, nitgħallem inħaddmu u jkun mezz ieħor kif inwassal il-messaġġ tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Tas-"sular ta' fuq" kif inħobb nirreferi jiena għal ħbieb li għandna fis-sema kienu jafu li miegħi kienet battalja mitlufa, għalhekk x'għamlu? Ġagħaluni ninduna li xi ħadd (wara sirt naf li kien Amerikan ta' dixxendenza Polakka u mizzewweġ Maltija u li kien fuq btala hawn Malta) kien fetaħ paġna fuq il-Facebook bl-isem Madonna tal Konsagrazzjoni.

Jiena kkomunikajt miegħu u fil-21 ta' ġunju li għadda din il-paġna għaddiet taħt it-tmexxija tiegħi u saret il-paġna uffiċċjali tal-Moviment. Kull tant żmien inwassal xi messaġġ qasir li kienet tgħid Ġuża u anka nitfa l-avviżi tal-laqgħat, etc. Huwa wkoll mezz kif ħaddieħor jikkomunika miegħi sabiex ngħinu fil-bżonnijiet tiegħu permezz tat-talb.

Inħeġġeġ lil dawk kollha li għandhom "account" fuq il-facebook sabiex ifittxu l-paġna Madonna tal Konsagrazzjoni u jibgħatu t-talba sabiex isiru ħbieb u b'hekk ikunu dejjem aġġornati b'dak li jkun għaddej.

Ftit wara nfetħet pagna oħra din id-darba t-titolu huwa bl-ingliż għal min jagħmel riċerka bl-Ingliż fuq il-Madonna. F'din il-paġna wieħed jista' jindika li l-paġna tgħoġbu biex b'hekk ikun qed ixandarha ma' ħbiebu u aktar nies isiru jafu bit-titolu l-ġdid tal-Madonna.

Tinsewx l-ismijiet tal-paġni huma Madonna tal Konsagrazzjoni u Our Lady of Consecration. Nistenna minn għandkom!

### L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Nhar il-Gimgħa 28 ta' Ottubru 2011 jaħbat il-ħmistax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**Ġuża minn Haz-Zabbar kitbet hekk:** Ma stajtx ma niktiblekx dwar il-ġid li qed isir f'għaqda ma' Ġuża tal-Girgenti. Din il-mara ghadha ħajja wisq fija alavolja ma nafhiex. F'każ ta' diffikulta fil-ħajja dejjem indur lejha u lejn il-Madonna.

Iz-zija tiegħi li hija tant għażiża għalija ħakmika l-marda tal-cancer. Aħna l-qraba konna kollha nkwetati għax il-marda bdiet tiggrava u xi drabi bdiet tħoss it-toqol tal-ħajja minħabba din il-marda.

Jum fost l-oħrajn tlajt il-Girgenti u mlejt l-akbar flixkun li kelli bl-ilma. Missejtu mal-Madonna u mort bih għand iz-zija. Bil-moħbi z-ziju beda jpoġġilha l-ilma li kont tajtu mat-te u ħaġa ta' l-iskantament b'dan l-ilma l-cancer nixef. Min għandu dan il-mard jagħmel kuraġġ u jdur lejn il-Madonna. Grazzi lill-Mulej permezz ta' Ġuża, anġlu fis-sema u tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Grazzja oħra li qlajt ġrat fuqi personali. żmien ilu tlajt il-Girgenti. Dakinhar kien hemm katina ta' rużarju. Jiena tlabt li nirċievi telefonata minn ċertu persuni sabiex jiskużaw ruħhom peress li kienu weġġgħuli qalbi. Jiena u ħierġa mill-Girgenti idoqq it-telefon. Kienu ċempluli proprju dawn il-persuni li kont tlabt għalihom sabiex jiskużaw ruħhom. Ksaħt u ma ridtx nemmen. Viva l-Madonna, grazzi Ġuża.

**N. N. min Naxxar kitbet hekk**: Sitt xhur ilu għamilt l-operazzjoni tal-"breast cancer". Fit-3 ta' Lulju 2011 tlajt il-Girgenti u ħadt flixkun ilma minn hemmhekk mieghi id-dar. Kelli idi in-naħa ta' l-operazzjoni mtarxa. Ħsilt idi b'dan l-ilma u idi ġiet normali u qisni ma kelli xejn. Mort l-isptar Mater Dei għat-terapija fit-18 ta' Lulju u min rani qaltli, "Tista' ma tiġix aktar għax tajba ħafna."

Nirringrazzja lil Alla għal din il-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u nitlobha sabiex tibqa' tieħu ħsiebi.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ottubru 2011 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 6 ta' Novembru 2011 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 20 ta' Novembru 2011 – Mhemmx laqgha – Festa ta' Kristu Re
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Diċembru 2011 fit-3.00pm
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2012 fit-3.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infak-krukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: **www.ourladyofconsecration.org**

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Our Lady of Consecration



NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 88 OTTUBRU 2011 JITQASSAM BLA ĦLAS

## TMUT SR. ROŻA BALZAN, ĦABIBA TA' ĠUŻA



*Sr. Roża Balzan, Mons. Salv Grima u Ġuża Mifsud*

### Min kienet Sr. Roża?

Roża Balzan, bint Natalizja Cascun u Ġużeppi Balzan twieldet fil-15 ta' April 1925. F'intervista li kont għamiltilha fl-2005 hija qaltli, "Aħna konna tlettax aħwa, imma ħajjin bqajna sitta. Skola bdejt immur ta' xi 9 snin u domt sa ma kelli erbatax-il sena. Dak iż-żmien l-iskola kienet flok fejn illum hemm l-Għassa.

Wara kont ngħin lil tal-familja d-dar, insajjar, innaddaf, dak li kien hemm bżonn. Ġieli anka kont immur l-għalqa, imma mhux ta' kuljum.

Meta mbagħad iltqajt ma' Mons. Grima, dan qalli li kien qed jibni dar għal Kleru u ħajjarni biex nidħol hemm. Kien jgħidli, "L-Bambin kellimni fuqek." Dħalt id-Dar tal-Kleru fl-1964. Bejn 1964 u l-1983, ma